## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMHALLEF

## ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
## B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

## Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 484/21 JVC**

**Reuben Micallef**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrent Reuben Micallef talab kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti gie akkuzat talli f’Marzu 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f’dawn il-Gzejjer, inter alia ikkommetta ma’ terzi numru ta' frodi versu diversi persuni u instab hati u gie kkundannat hames (5) snin prigunerija;

2. Illi minn din is-sentenza gie intavolat appell liema appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

3. Illi fil-mori tal-appell l-esponenti intavola talba sabiex il-Qorti ta' l-Appell tikkonverti ruhha f’Qorti tad-Droga u dan a tenur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-esponenti lum l-gurnata huwa persuna li hareg mill-vizzju akut tad-droga;

4. Illi fil-fatt r-reati li fuqhom instab hati kienu gew konnessi minhabba l-problema li l-esponenti kellu f’dak iz-zmien minhabba droga;

5. Illi pero` din it-talba giet michuda permezz ta' digriet datata 23 ta' Frar 2021 wara oggezzjoni minn naha ta' l-Avukat Generali u dan primarjament minhabba li piena addebitata lir-reati li l-appellant instab hati taghhom taqbez is-seba' (7) snin prigunerija;

6. Illi kif intqal aktar il-fuq l-esponenti pero gie ikkundanat hames (5) snin prigunerija;

7. Illi l-ebda appell ma gie intavolat minn l-avukat generali u ghalhekk il-piena ma tistax tizdied;

8. Illi l-esponenti jhoss li c-cahda tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga kif ukoll l-

artikolu 8 tal-Kap 537 jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti;

9. Illi din il-lezjoni hija wahda cara u tikkonsisti f'diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati adebitat b'piena li taqbez is-seba' (7) snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija;

10. Illi aktar mnn hekk il-ligi hija ukoll incerta' fuq jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat li ghalkemm dan ir-reat jkun igorr piena li taqbez is-seba' snin prigunerija, tali persuni jkunu gew ikkundannati piena ta' inqas minn seba' snin prigunerija u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena minn naha ta' l-Avukat Generali;

11. Illi l-artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponenti ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' access ghandu jkun garantit mill-Kap 319 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem u il-Kostituzzjoni ta' Malta;

12. Illi l-esponenti jisthoqlu l-opportunita li jipprova li huwa ikkommetta r-reati li taghhom instab hati peress li hu kien afflitt minn problema akuta tad-droga u li pero` llum il-gurnata huwa irnexxielu jeleb din il-problema;

13. Illi l-istess Qorti Kriminali wkoll ordnat li kopja ta dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Ministru tal-gustizzja u dan bl-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabiex jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpretazzjoni tas-sub inciz 1 tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-Artikolu 8 tal-Kap 537 qed jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti u konsegwentement taghti dak ir-rimedju xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.'

Rat ir-risposta ta' l-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'Illi **preliminarjament** jigi eccepit li fir-rikors promotur m`hemmx imnizzel ezattament x`inhuma l-jeddijiet fundamentali li allegatament gew miksura fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma jistghax jaghmel *sweeping statement* li hemm lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu minghajr ma jindika ezattament liema huma l-artikoli tal-Kositutuzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea li gew allegatament vjolati. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu qabel xejn jikkjarifika dan u l-esponent jirrizerva li jwiegeb ulterjorment f`kaz li r-rikorrent jindika bi precizjoni liema huma l-artikoli invokati.

Illi fi kwalunkwe kaz t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-Kap 537 tal-Ligijiet ta` Malta, li gie introdott fis-sena 2015, jaghti l-possibilita li persuna akkuzata b`reati kontra l-ligijiet ta` droga u li tissodisfa l-kriterji li jsemmi l-artikolu 8 (1) tal-istess Kap, tkun tista taghmel talba sabiex il-Qorti penali tassumi l-funzjoni ta` Qorti dwar id-Droga. Fost dawn il-kriterji hemm li l-kwantita' ta' droga nvoluta hija tali li ma teccedix l-ammont li ghalih hemm riferenza fir-Raba' Skeda tad-Dangerous Drugs Ordinance (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u cioe' ma jeccedix l-ammont ta' 300 gramma cannabis u 100 gramma herojina u kokajina. Kjarament din il-ligi ma tapplikax ghal kulhadd u f`din l-istess ligi hemm imnizzel car x`inhuma l-kriterji li jridu jigu

sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista tassumi l-funzjoni ta Qorti dwar id-Droga.

Illi r-rikorrenti jidher li qajjem din lanjanza kostituzzjonali ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali  taghtu digriet li kien sfavorevoli ghalih. F`dan il-kaz ir-rikorrenti ghamel rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u fid-diskrezzjoni u fis-sapjenza taghha dik il-Qorti ddecidiet li tichad it-talba tar-rikorrenti permezz tad-decizjoni tat-23 ta` Frar 2021. Assolutament m`hemm xejn li jilleddi xi jedd fundamentali tar-rikorrent b`dan kollu.

Illi jekk ir-rikorrent gie misjub hati ta` frodi u l-akkuzi ma kellhom x`jaqsmu xejn ma` droga, huwa ovvju li l-Qrati penali ser jichdu talba ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537! Dwar l-accessibilita` ghall-Qorti, il-fatt li ġiet introdotta liġi ġdida li m'hijiex disponibbli għar-rikorrent ma jilledi l-ebda id-dritt fundamentali tieghu.

L-esponenti jissottometti li certament bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att bl-ebda mod ma gie lez xi jedd garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni u dan peress li r-reita' o meno ta' persuna akkuzata b'delitt tigi kristallizzata fil-mument taz-zmien meta r-reat gie mwettaq.  Il-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali testendi biss u gustament biex tizgura li persuna li twettaq il-fatt kriminali jkollha l-gharfien li dak il-fatt li jkollha hsieb li twettaq u effettivament twettaq ikun jikkostitwixxi reat skont il-ligi penali f'dak iz-zmien u li ghal tali kommissjoni l-persuna tkun ser tkun passibbli ghal certu paramentri ta' piena (ara **Victor Micallef vs L-Avukat Generali et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) tal-1 ta' Ottubru 1996 li giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001.

Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom gie mixli r-rikorrent hija ċara u dan naturalment jinkludi ukoll il-parametri tal-piena jekk ir-rikorrenti jinsab hati. Fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li huwa ingħata l-garanziji kollha li jridu dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzojnali u m`hemm xejn li jindika li r-rikorrent kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti ma garrab vjolazzjoni ta` xi jedd fondamentali

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat in-nota tar-rikorrent Reuben Micallef datata 2 ta' Settembru, 2021 esebita a fol. 9 tal-process li permezz taghha gie dikjarat li:

'qieghed  jindika u jikkjarifika li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li gew vjolati huma is-segwenti:

1. Il-jghid ghal smigh xieraq mhares taht l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante in-nuqqas ta' l-access ghal Bord stante li tali access gie imbarrat,  kif ukoll rigward l-incertezza fil-ligi fuq il-kwistjoni ta' l-ammont ta' prigunerija bi pregudizzju ghalih u finalment li huwa ma jistax jibbenefika minn piena aktar favorevoli.'

Rat il-provi kollha fl-atti nkluz il-kopja tal-process kriminali anness.

Rat illi fil-verbal datat  24 ta' Frar 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni wara li l-Qorti tat il-fakulta' lill-partijiet sabiex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrent odjern jallega li fi proceduri pendenti fil-konfront tieghu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (fejn fi stadju ta' decizjoni mill-ewwel Qorti tal-Magistrati nstab hati ta' uhud mill-akkuzi relatati ma' frodi u kkundannat hames snin prigunerija), d-drittijiet fundamentali tieghu qed jigu lezi principalment ghar-ragunijiet segwenti:

(i) diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati adebitati b'piena li taqbez is-seba' (7) snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija;

(ii) Illi l-ligi hija ukoll incerta' fuq jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat li ghalkemm dan ir-reat jkun igorr piena li taqbez is-seba' snin prigunerija, tali persuni jkunu gew ikkundannati piena ta' inqas minn seba' snin prigunerija u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena min-naha ta' l-Avukat Generali;

(iii) Illi l-artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponenti ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' access ghandu jkun garantit mill-Kap 319 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ir-rikorrent ghalhekk permezz tar-rikors odjern qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu u jitlob li l-Qorti taghti rimedju xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Da parti tieghu l-intimat Avukat tal-Istat jsostni li mhux minnu li l-ligi in kwistjoni tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Jeccepixxi fl-ewwel lok li r-rikorrent ghandu jindika liema drittijiet fundamentali suppost qed jigu lezi stante li dawn ma gewx indikati fit-talba tar-rikorrenti. Izid ukoll li l-ligi in kontestazzjoni bl-eda mod ma hi leziva ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u l-fatt li bhala ligi mhiex applikabbli ghal kaz tieghu ma jaghmilhiex illegali. Jeccepixxi wkoll li la darba l-akkuza fil-konfront tieghu mihiex dwar droga allura l-artikolu 8 tal-Kap. 537 ma japplikax fil-konfront tieghu.

**L-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' ndikazzjoni tal-artikoli lezi:**

Il-Qorti rat li permezz ta' nota a fol. 9 tal-process ir-rikorrent ddikjara li:

'qieghed jindika u jikkjarifika li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li gew vjolati huma is-segwenti:

1. Il-jghid ghal smigh xieraq mhares taht l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante in-nuqqas ta' l-access ghal Bord stante li tali access gie imbarrat, kif ukoll rigward l-incertezza fil-ligi fuq il-kwistjoni ta' l-ammont ta'priguneríja bi pregudizzju ghalih u finalment li huwa ma jistax jibbenefika minn piena aktar favorevoli.'

Stante li r-rikorrent identifika l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni  Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u cioe' d-dritt ghal smigh xieraq bhala l-bazi ghal-lanjanza tieghu, l-Qorti tqis li din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat giet sorvolata.

**Li r-rikorrent mhux akkuzat b'reati relatati mad-Droga:**

Illi fir-risposta tieghu l-Avukat tal-Istat intimat isostni li  jekk ir-rikorrent gie misjub hati ta` frodi u l-akkuzi ma kellhom  x`jaqsmu xejn ma` droga, fi kliem l-intimat huwa ovvju li l-Qrati penali ser jichdu talba ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537.

Illi din il-parti tar-risposta tal-Avukat tal-Istat turi car lil din il-Qorti li l-intimat ma jafx x'jiddisponi fih ezatt l-artikolu 8 tal-Kap. 537 Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija). Fil-fatt dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal kazijiet fejn l-akkuza tkun relatata ma' reati tad-droga izda jipprovdi wkoll alternattiva fejn jaqra li:

'jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti…'

Evidentement ghalhekk l-Avukat tal-Istat intimat f'din il-parti tar-risposta huwa legalment zbaljat u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Mertu:**

Il-Qorti rat li bhala prova r-rikorrent ressaq affidavit tieghu stess flimkien ma' dokumenti annessi konsistenti f'decizjonijiet tal-Qrati Kriminali (esebit a fol. 13 et seq tal-process).

Fl-affidavit tieghu r-rikorrent jixhed li trabba b'mod ezemplari u fil-biza tal-kelma t'Alla. Jghid li sakemm lahaq avukat huwa qatt ma kien mess ma' droga u li kien kuntent bix-xoghol u b'hajtu. Jghid izda li gie mument fejn intemmet relazzjoni li huwa kellu u sab ruhu jaghmilha ma' persuni ohra li kienu mieghu fil-kors l-Universita u jsostni li hemmhekk dawn laqqawh mad-droga. Ghalkemm baqa' sorpriz b'dan kollu huwa jammetti li beda jaghmel uzu minn u waqa' fil-vizzju tad-droga. Skont ir-rikorrent hajtu bdiet sejra ghan-nizla mis-sena 2004 l'quddiem. Dwar il-kaz ta' frodi msemmi fir-rikors odjern u li jinsab pendenti fi stadju ta' appell jistenna l-ezitu ta' din il-lanjanza kostituzzjonali, r-rikorrent isostni li huwa gie uzat minn certi David Coleiro u Raymond Debono. Jinsisti li kienu sabuh fi zmien ta' vulnerabilita' ghaliex kien ikun taht l-effetti tad-droga. Ir-rikorrent jixhed kif isegwi:

'Jien dak iz-zmien, bhalma gia ghedt kont nghamel uzu kuljum mid-droga u nammetti li kont lest li naghmel kull tip ta xoghol sabiex jkolli flus sabiex nixtri droga. Nghid li jiena qatt ma kelli l-hsieb li b'xi mod niffroda lill xi hadd. Nammetti li kont ghadni bla esperjenza u li kont taht l-influwenza tad-droga, pero l-unika intenzjoni kienet li jkolli l-flus biex nixtri u nibqa ghaddej. Id-droga kienet l-unika raguni ghaliex kont qed nghix u minghajra ma kontx nkun tajjeb.

Nghallaq billi nghid li jiena hassni aggravat b'din is-sentenza u di piu nhoss li jiena bhal cittadin Malti ghandi wkoll nibbenefika

mill-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex meta l-ewwel Qorti ezaminat il-kas tieghi sabet li jiena kelli ninghata piena ta' hames snin prigunerija. Dan jaqa fil-parametri kif titlob il-ligi. Nghid li tant kont nkun sick li minkejja li l-ewwel Qorti kienet tghatni diversi opportunitajiet sabiex jiena nressaq il-provi tieghi, jiena bqajt ma ressaqt xejn. Jiena sincerament nemmen li kieku jiena kont f'sikti u ressaqt il-provi u spjegajt lill-Qorti l-fatti tal-kas, kont ninghat sentenza kompletament differenti, b'piena aktar ekwa u gusta.

Jiena tramite diffensuri tieghi ressaqt din it-talba quddiem il-qorti tal-Appell, liema Qorti fil-23 ta Frar 2021 qalet li hija prekluza milli tikkonverti ruhha bhal Qorti ta' Droga u dan stante li l-piena skond l-akkuzi taccedi is-sebgha snin. Pero fl-istess waqt l-istess Qorti ordnat li kopja tal-istess tinbghat lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabiex jekk hemm bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpetazzjoni tas-sub inciz 1 tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta dan jsir. Dan juri bic-car li anke fl-umli opinjoni tal-Qorti tal-Appell, thoss li jiena ghandi nibbenefika minn dan l-artikolu pero tinsab prekluza milli taghmel dan. Dan l-istat ta fatt qed johloq ingustizzja fil-konfront tieghi, liema ngustizzja ghandha konsegwenzi u kien ghalhekk li jiena rrikorrejt lejn din l-Onorabbli Qorti.

Nikkonkludi billi nghid li minkejja dan kollu jiena nhoss li l-Onorabbli Qorti, fil-kas tieghi ghandha tikkonverti ruhha bhal Qorti ta' Droga u ninghata kull opportunita bhalma jinghataw cittadini ohra.'

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mil-lum Imhallef Dr. Neville Camilleri (dak iz-zmien magistrat) datata 20

ta' Gunju, 2017 (fol. 16 et seq tal-process) permezz ta' liema r-rikorrent instab hati ta' reati relatati mal-pussess u traffikar ta' droga u kkundannatu ghal perjodu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500.00).

Rat id-digriet datat 23 ta' Frar, 2021 moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera (fol. 28 et seq tal-process) liema dirgiret r-rikorrent jilmenta dwaru fir-rikors odjern. Fil-parti saljenti u rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

*'Fl-ewwel lok jinghad li l-appellant ma aderiex ruhu ma dak li kien gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 u cioe' li kellu jindika x kienet il-piena applikabbli ghal kul reat li gie akkuzat bih l-appellant u mhux jghamel referenza ghall-ewwel Qorti fejn gie ikkundannat piena ta' hames (5) snin prigunerija. Cio nonnostante din il-qorti sejra titratta ma din it-talba kif maghmula fir-rikors tal-appell tieghu.*

*Din il-Qorti ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-*

*8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew* ***hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba'***

***snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti,*** *il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

*Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:*

*1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe*
*2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.*

*Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*
*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

*Illi pero' din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-*

*reati addebitati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghad-digireti moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet il-**Pulizija vs Stehpen Borg** u **Pulizija vs Roderick Zahra et** fejn il-qorti spjegat kif ghandu jigi interpretat is-sub inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta sakemm ikun hemm intervent legislattiv jekk il-legislatur huwa tal-fehma li it-tifsira li qed tinghata mill-Qorti hija wahda zbaljata u ma tirriflettix l-intenzjoni tal-legislatur.*

*Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti imorru hafna oltre is-sebgha (7) snin prigunerija imsemmija fis-sub inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu ghal hames (5) snin prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.*

*Il-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgha snin prigunerija izda tghid li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant m' ghandhomx jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista tinghata. Ghalhekk jidher car li l-vot tal-ligi ma hux sodisfatt.*

*F'dan il-kaz r-rikorrenti huwa akkuzat fost akkuzi ohra bir-reat misapproprjazzjoni bl-aggravju tieghu stante li l-appellant jesercita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku, assoccjazjoni ma trezi bil-hsieb li jikkommettu reat, falsifikazzjoni u frodi, u ghalhekk il-piena applikabbli kif preskritta fil-ligi tmur hafna oltre is-sebgha (7) snin prigunerija.*

***Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti tiddikjara li hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8 (1) ta-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u***

***konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.***

***Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Minsitru tal-Gustizzja u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabiex jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpretazzjoni tas-sub-inciz 1 tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.'***

Il-Qorti rat ukoll l-atti kriminali annessi fuq talba tal-Avukat tal-Istat bhala formanti parti mill-provi mressqa minnu fl-atti. Rat li dawn jikkonsistu fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li bhalissa jinsabu sospizi jistennew ezitu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u cioe' l-proceduri li fihom inghata d-digriet suespost.

Il-Qorti rat mill-atti annessi li in segwitu ghad-digriet fejn il-Qorti Kriminali cahdet it-talba sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti tad-droga, r-rikorrent odjern ntavola wkoll rikors sabiex dik l-istess Qorti taghmel referenza kostituzzjonali. Dan ir-rikors gie deciz permezz ta' decizjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti datata l-1 ta' Lulju, 2021 (ara fol. 360 tal-atti kriminali) fejn giet michuda t-talba. Fil-parti saljenti taghha u rilevanti ghall-proceduri odjerni gie deciz kif isegwi:

*'L-Artikolu 4(3) tal-Kap 319 u l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi jekk f'xi proceduri f'xi qorti, li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Cvili jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Illi jekk il-kwistjoni jew kwistjonijiet*

*imqajma huma fil-fhema ta' din il-Qorti frivoli jew vessatorji, din il-Qorti ghandha tichad it-talba maghmulha mir-rikorrenti appellanti. Izda jekk minn naha l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjonijiet imqajma ma humiex la frivoli u lanqas vessatorji, din il-Qorti trid ghalhekk tilqa' t-talba u tordna referenza Kostituzzjonali. Sabiex din il-Qorti tqis jekk il-kwistjonijiet imqajma rikorrenti appellanti timmeritax referenza Kostituzzjonali, l-ezami li jrid isir minn din il-Qorti huwa dak tal-prima facie u ghalhekk l-akkoljiment jew ic-cahda tat-talba tar-rikorrenti appellanti sabiex issir referenza Kostituzzjonali **ma jkun bl-ebda mod ifisser** li din il-Qorti tkun qieghda tippronunzja ruhha dwar il-lanjanzi mressqa mir-appellanti.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Alan Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et'</u>**, il-Qorti kkunsidrat li;*

*'"frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

*Ikkunsidrat,*

*Illi in succint il-lanjanzi imqajma mir-appellanti fir-rikors in kwistjoni jikkoncerna ic-cahda ta' din il-Qorti hekk kif preseduta milli tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga u Artikolu 8 ta' Kap 537 u li dan bid-digriet gew miskura ddrittijiet fundamentali tieghu a bazi s-segwenti:*

*1. Illi tezisti diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati adebitat b'piena li taqbez is-seba' snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija;*

*2. Illi l-ligi hija incerta dwar jekk l-Artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat, u nghataw sentenza taht il-hames snin prigunerija, minkejja li tali reat ikun jaqbez is-seba' snin prigunerija;*

*3. Illi Artikolu 8 ta' Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponent ghall-access ghall-Qorti ta' Droga;*

*4. Illi minhabba dak sucitat r-appellanti qed isofri vjolazzjoni fid-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-Avukat Generali qasam r-risposta tieghu fi tlett partijiet: dwar l-ilment tal-allegata diskriminazzjoni; dwar l-ilment tal-incertezza fil-ligi u dwar l-ilment ghal nuqqas t'access ghall-Qorti. Ulterjorment l-Avukat Generali jsostni li din l-Qorti ma hiex obbligata li tilqa' talba sabiex issir referenza Kostituzzjonali u dan ghaliex tali talba hija fil-fehma taghha 'frivola u vessatorja'.*

*Fid-dawl tal-premess, sabiex din il-Qorti tkun tal-fehma li l-lanjanzi mqanqla mir-appellanti humiex sempliċiment frivoli u/jew vessatorji, trid tkun konvinta li l-lanjanzi m'humiex fost dawk li: "prima facie, m'għandhomx jitqiesu ta' ebda preġju jew valur, vani, nieqsa mis-serjeta, manifetament nieqsa mis-sens li ma jistħoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li ġew sollevati mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bliskop li jdejqu u jew jirritaw lill-kontroparti." (ara f'dan is-sens **Alan Mifsud vs Avukat Ġenerali**, u Il-Pulizija vs Noel Arrigo et).*

*Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Mary Fatima Vassallo vs Daniel Spiteri et**,:*

*"Issa l-esistenza ta' rimedju ordinarju ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni ta' l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-esistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq dak l-istat ta' fatt. Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor effettiv ghar-appellanti li l-Qorti tista' taghzel illi ma tezercitax issetghat taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment.*

*....*

*"L-esistenza ta` rimedju iehor ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lirappellanti success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci."*

*Kwistjoni ta' diskriminazzjoni.*

*Din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghall-ewwel punt dwar l-ilment tal-appellant dwar l-allegat diskriminazzjoni. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li jghid Artikolu 14 ta' l-ewwel skeda ta' Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-istess bhall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-Artikolu jistipula b'mod car illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hekk kif kontemplati fil-Konvenzjoni, ghandhom jigu assigurati minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, propjeta', twelid jew status iehor. Ghalkemm il-ligi ma tipprovdix definizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta, madankollu huwa mifhum illi din tirrigwardja trattament differenti ghal persuni li jinsabu fl-istess cirkustanzi jew*

*f'cirkustanzi simili hafna u bbazat fuq status jew karatteristika identifikabbli (Ara fost ohrajn* ***Biao v. Denmark****).*

*Il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux l-ewwel darba li enfasizzat illi Artikolu 14 jikkumplimenta l-Artikoli sostansivi tal-Konvenzjoni u ma jistax jittihed f'kuntest wahdu (Ara fost ohrajn* ***Molla Sali v. Greece; Carson and Others v. UK; E.B. v. France u Marckx v. Belgium).*** *Fil-prattika l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem tezamina Artikolu 14 flimkien ma Arikolu sostansiv, bhal per ezempju Artikolu 14 kien instab applikabbli fi kwistjonijiet tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u assocjazzjoni (Ara Bączkowski and Others v. Poland24). Illi r-rikorrenti appellant fin-nota tieghu dan ma ghamlux. Ghalhekk, f'dan ir-rigward u in vista ghal dak sucitat, din il-Qorti ma taqbilx li tezisti diskriminazzjoni u dan stante l-fatt li l-appellant ma giex trattat differenti minn persuni ohrajn li qeghdin fl-istess sitwazzjoni tieghu u ghaldaqstant isegwi li l-appellant ma garrab l-ebda lezjoni ta' Artikolu 14 f'dan ir-rigward.*

*Nuqqas ta' certezza legali*

*Illi l-appellant qieghed jallega wkoll ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu bbazat fuq in-nuqqas ta' certezza legali ta' Artikolu 8 ta' Kap 537. Din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiddeciedi dwar jekk tirrizultax vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 ta-lKostituzzjoni ta' Malta, kompetenza fdata lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali, izda sabiex tara jekk fid-dawl tal-incertezza legali sollevata mir-rikorenti appellanti hemmx lok ghal referenza kostituzzjonali sabiex l-ilment tieghu jigi investigat in funditus.*

*Fir-rigward tac-certezza legali, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid* ***Paul Heinrich Neuhaus*** *fl-Artikolu tieghu Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws:*

*The struggle between legal certainty and equity is as old as the law itself. Only the labels have changed: while formerly discussion proceeded in terms of ius strictum and ius aequum, the expressions currently preferred, especially in Germany, are "legal certainty" and "justice (in individual cases)." Whatever terms are used, they refer to two different aspects of the law. One is the public interest in* ***clear, equal, and foreseeable rules of law which enable those who are subject to them to order their behavior in such a manner as to avoid legal conflict or to make clear predictions of their chances in litigation.*** *The other is the need for deciding current, concrete disputes adequately, by giving due weight to the special and perhaps unique circumstances of each case.* ***The former aspect calls for legislation, the latter for judicial decision.***

*Fil-każ ta'* **Albu v Romania**, *dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:*

*"In its recent Grand Chamber judgment in Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey, the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions. These can be summarised as follows:*

*"(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see* ***García Ruiz v. Spain****. Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see* ***Ādamsons v. Latvia****);*

*"(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot*

*be considered contrary to the Convention (see* ***Santos Pinto v. Portu****gal, and* ***Tudor Tudor v. Rumania.*** *31)*

*"(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see* ***Iordan Iordanov and Others; see also Beian v. Rumania*** *(no. 119***);  Ştefan and Ştef v. Romania; Schwarzkopf and Taussik v Czech Republic;  Tudor Tudor v Rumania; and Ştefănică and Others.***

*"(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities,* ***Beian (no. 1); Iordan Iordanov and Others; and Ştefănică and Others);***

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduc e public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see* ***Paduraru v. Romania; Vinčić and Others v. Serbia and others; and Ştefănică and Others);"***

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see* ***Unédic v. France****.)*

*Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see* ***Atanasovski v. "the Former Yugoslav of Macedonia.)***

*Din il-Qorti ezaminat dak li jipprovdi l-Artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-*

*8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu firRaba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

*Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jaghmel talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe':_*

*1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe'*
*2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' Artikolu 8 ta' Kap. 537 huma sodisfatti.*

*Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li gejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(c) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

*Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub-inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant ma tecceddix is-seba' snin prigunerija.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghad-digrieti moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Stehpen Borg*** *u* ***Pulizija vs Roderick Zahra et*** *u ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diverament preseduta fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Massimo Caruso*** *fejn il-Qrati spjegat kif ghandu jigi interpretat is-sub-inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm ikun hemm intervent legislattiv jekk il-legislatur huwa tal-fehma li ittifsira li qed tinghata mill-Qorti hija wahda zbaljata u ma tirriflettix l-intenzjoni tal-legislatur.*

*Illi fil-kaz in ezami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant imorru hafna oltre is-seba' (7) snin prigunerija imsemmija fis-sub-inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja li l-Ewwel Qorti ikkundannatu ghall-hames (5) snin prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.*

*Ikun tajjeb li din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ghad-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati ta' nhar id-9 ta' Dicembru, 2014, fejn l-Onorevoli Beppe Fenech Adami qal hekk fuq dan l-Artikolu tal-Ligi:*

*'Hemm ukoll il-parti tal-liġi li titkellem fuq il-kwestjoni tal-persuni li jinqabdu b'ammont ta' droga li jkun ammont li jindika li ma jkunx għall-użu personali tagħhom biss, però jkunu persuni li ħafna drabi jkunu daħlu tant fil-vizzju li jkollhom jixtru u jbigħu d-droga biex jiffinanzjaw il-problema li għandhom. Hawnhekk irrid ngħid li aħna wkoll naqblu mal-mod kif qed jiġi propost f'din il-liġi, kif spjega tant tajjeb il-Ministru, ta' kif fil-każ ta' persuna li titressaq b'reati fejn l-ammont ta' droga jkun ta' inqas minn 300g u/jew is-sentenza ta' priġunerija tkun ta' inqas minn seba' snin.'*

*Ghalhekk strict iuris meta l-legislatur haseb ghall-emenda fil-ligi sabiex jaghti s-setgha lil qorti ta' revizjoni sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga, il-legislatur ried li l-Qorti tkun tista tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga biss wara li ssir indagini li s-sentenza li tista' tinghata tkun inqas minn seba' (7) snin prigunerija. Dan in omagg mal-Artikolu 8 li jiddisponi testwalment:*

***"Meta l-persuna akkużata ….. hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija …."** (sottolinjar tal-Qorti)*

*Illi fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti l-kliem tal-legislatur allura ma jaghti lok ghall-ebda interpretazzjoni nonnostante li setgha kien hemm Qrati ohra li qeghdin jimxu bil-kejl tal-piena moghtija u cioe' jekk il-piena moghtija mill-Qorti ta' prim istanza hija inqas minn seba' (7) snin prigunerija u l-appell intavolat huwa tal-appellant, u konsegwentment ma jistax jkun hemm zieda fil-piena allura dan jista jigi miftiehem li dik il-Qorti tista tilqa' it-talba ghall-konversjoni ghal Qorti ta' Droga.*

*Huwa mehtieg li l-ligijiet jigu miktuba b'mod car u b'reqqa kbira. Nuqqas ta' kjarezza f'dan ir-rigward jista' jwassal ghal interpretazzjoni differenti minn dik li originarjament kellu f'mohhu l-legislatur. Dan nonnostante jirrizulta li l-kliem tal-ligi jirriflettu l-hsieb tal-legislatur, fir-rigward ta' Artikolu 8 ta' Kap. 537,*

*Ghalhekk in vista tas-suespost din il-qorti ma hiex tal-fehma li hemm incertezza legali f'dan id-dispost tal-ligi u konsegwentement it-talba rikorrenti ma iex ser tigi milqugha f dan ir-rigward.*

*Nuqqas ta' access lejn il-Qorti.*

*L-appellant jaccena wkoll illi Artikolu 8 ta' Kap 537, ukoll jilledi d-dritt tal-esponent mill-access ghall-Qorti ta' Droga. Minkejja li l-Artikoli tal-ligi li jaghmel referenza ghalihom l-appellant fin-nota tieghu ma jikkombaccawx ma dak li huwa qed jikteb fl-istess nota, jidher b'mod car li dan qieghed jirreferi ghall-ksur tad-dritt ta'smigh xieraq. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghassentenza fl-ismijiet* ***Zubac v. Croatia*** *fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet li:*

*'the right of access to a court is impaired when the rules cease to serve the aims of legal certainty and the proper administration of justice and form a sort of barrier preventing the litigant from having his or her case determined on the merits by the competent court.'*

*Dan il-pronunciment gie segwit f'diversi sentenzi sabiex jigi determinat jekk certu ligijiet irristringewx b'mod mhux gustifikat applikanti mid-dritt ghall- access ghall-Qrati. (Ara fost* ***ohrajn Maširević v. Serbia u Cornea v. the Republic of Moldova.*** *)*

*Fis-sentenza bl-ismijiet* ***Nowinski v. Poland****, il-Qorti Ewropeja qalet bl-iktar mod car illi:*

*'it is primarily for the national authorities, notably the courts, to resolve problems of interpretation of domestic legislation.'*

*Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tirreferi ghal-konsiderazzjonijiet kollha maghmula supra, tiddecidi li ma tilqax it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali stante li ma tezisti l-ebda deskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, ma hemm l-ebda stat ta' incertezza legali dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 8 ta' Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u in oltre anqas ma jirrizula li hemm nuqqas ta' access lejn il-qorti u ghalhekk tichad it-talba rikorrenti sabiex issir referenza kostitutzzjonali u bhala konsegwenza qedgha tordna kontinwazzjoni u prosegwiment tal-kaz.'*

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

**Allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja:**

Ghall-iskop tal-kaz tar-rikorrent, il-partijiet l-aktar rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma s-subartikoli segwenti:

'(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. . . .

(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtoritàta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-

subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-parti rilevanti tieghu ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f' soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma talqorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.'

Illi fil-kaz odjern r-rikorrent qed jallega tlett lezjonijiet ghad-dritt tieghu fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel lment tieghu hu li qed issehh:

(i) diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati adebitati b'piena li taqbez is-seba' (7) snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija;

Mal-ewwel daqqa t'ghajn wiehed jifhem li dwar dan l-ilment ir-rikorrent ma kellux jaghmel referenza ghall-artikolu dwar is-smigh xieraq fi hdan il-kostituzzjoni u l-konvenzjoni izda ghall-

artikolu 45 tal-istess Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jitrattaw d-diskriminazzjoni. Pero′ kif gia accennat aktar il′ fuq il-gurisprudenza kemm dik Maltija kif ukoll Ewropea dejjem emfasizzat li d-dritt li wiehed ma jigix diskriminat ghandu dejjem jittiehed fil-kuntest u flimkien ma′ l-artikoli sostantivi l-ohra u ma′ jistax jittiehed f′kuntest wahdu.

Illi dan suespost iwassal lil din il-Qorti sabiex tezamina wkoll kontestwalment iz-zewg lmenti l-ohra tar-rikorrent u cioe′ fejn isostni li:

(ii) l-ligi hija wkoll incerta' fuq jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat li ghalkemm dan ir-reat jkun igorr piena li taqbez is-seba' snin prigunerija, tali persuni jkunu gew ikkundannati piena ta' inqas minn seba' snin prigunerija u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena min-naha ta' l-Avukat Generali;

(iii) Illi l-artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponenti ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' access ghandu jkun garantit mill-Kap 319 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem u il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi kif gia suespost l-ilment tar-rikorrent jemani principalment minn dak li jimponi l-artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) Kap 537 tal-Ligijiet ta′ Malta li fil-parti rilevanti jaqra kif isegwi:

‘8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b′reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta′ kwantità ta′ droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta′ droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba′

Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba′ Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x′jaqsmu magħha bħala kwantità ta′ droga li tindika li l-persuna akkużata m′għandhiex tiġi riferita għal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta′ xi reat li għalih hemm piena ta′ mhux aktar minn seba′ snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista′, wara li tisma′ ssottomissjonijiet magħmula f′isem il-persuna akkużata u f′isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma′ kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema′, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta′ Qorti dwar id-Droga.′

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tar-rikorrent pendenti quddiemha ddikjarat li dan l-artikolu huwa car u ma jaghti l-ebda lok ghal interpetazzjoni fejn jimponi li sabiex persuna li hija akkuzata b′reat iehor u mhux wiehed relatat mad-droga, sabiex dan il-kapitolu tal-ligi japplika ghalih u l-Qorti tkun tista′ tikkonverti ruhha ghall-Qorti tad-Droga jrid jissodisfa s-segwenti:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba′ (7) snin prigunerija u f′kaz li din il-kundizzjoni hija sodisfatta wiehed jghaddi sabiex jezamina jekk hux sodisfatta t-tieni kundizzjoni:

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta′ Artikolu 8 ta′ Kap. 537 huma sodisfatti.

Illi dwar l-allegata incertezza rizultanti mill-interpretazzjoni tal-artikolu artikolu 8 tal-Kap 537, din il-Qorti taqbel ma′ dak deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali suespost u cioe′ li mhux minnu li l-artikolu 8 huwa ncert anzi huwa pjuttost skjett fejn jindika li hija l-

piena rizultanti possibbli mill-akkuza li wiehed irid jiehu kont sabiex jigi deciz jekk il-Qorti tikkonvertix ruhha fil-Qorti tad-Droga jew le u mhux il-piena fil-fatt inflitta.

Illi huwa ghalhekk car lil din il-Qorti li din il-ligi ai fini ta' evalwazzjoni u decizjoni da parti tal-Qorti dwar jekk ghandhiex tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga qed timponi lill-gudikant li jqis li l-imputat / akkuzat daqs li kieku huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u wkoll li ghandu jassumi li l-piena li ser tigi inflitta hija dik massima. Dan kemm fi stadju qabel ma tinghata decizjoni mill-ewwel Qorti kif ukoll fi stadju ta' appell fejn suppost id-decizjoni ghadha meqjusa bhala wahda mhux *res judicata*. Illi din il-Qorti tqis li dan kjarament huwa bi ksur sfaccat tas-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u t-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jipprovdi li kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati.

Illi l-ligi kif imposta kjarament qed tiddistingwi wkoll:

(i) bejn persuni li originarjament jigu akkuzati b'reati li għalihom hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija u
(ii) persuni ohra li ghalkemm originarjament ikunu gew akkuzati b'reati li ghalihom hemm piena ta' aktar minn seba' snin finalment jinstabu hatja ta' uhud biss mir-reati li jwasslu ghal piena anqas minn seba' snin.

Huwa ghalhekk car li l-uniku raguni ghalfejn il-ligi qed twassal ghal din id-distinzjoni huwa li ai fini tal-kalkolu fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 l-imputat/akkuzat qed jigi meqjus hati

nonostante li ma jkunx ghad hemm sentenza fil-konfront tieghu u ghar minn hekk wara li jkun gie liberat minn uhud mill-akkuzi.

Il-Qorti tqis li dak suespost jikkonsisti f'lezjoni cara tal-jedd fundamentali ghall-presunzjoni tal-innocenza emanenti mill-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Apparti minn hekk il-ligi kif redatta teskludi li l-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti tad-Droga anki wara li l-piena mposta tkun deciza u mhux appellata u tkun tikkonsisti f'piena ta' anqas minn seba' snin. Dan qed iwassal sabiex bosta persuni jigi michud lilhom il-possibilita' li jirrikorru ghall-Qorti tad-Droga nonostante li finalment nstabu hatja ghal perjodu ta' habs anqas mis-seba' snin kif indikat fl-artikolu 8 tal-Kap. 537. Aktar gravi minn hekk jirrizulta li f'dan il-kuntest il-Qrati lanqas huma konsistenti fl-applikazzjoni taghhom ta' dan l-artikolu billi uhud minnhom jaghzlu li jikkonvertu ruhhom la darba l-piena hija stabilita u ohrajn le.  Dan kollu huwa rizultat tal-kliem uzat fil-ligi li jaqra:

'jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija'

li kif gia inghad huwa lesiv ghall-jedd fundamentali tal-presunzjoni tal-innocenza u ghalhekk anki minn dan il-lat il-ligi hija bi ksur tal-artikolu 39 l-kostituzzjoni u bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent li qed jigi lez dan id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Rimedju:**

Illi r-rikorrent jitlob li f'kaz li din il-Qorti ssib lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu allura ghandu jinghata rimedju xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi mill-atti l-Qorti rat li rizultat tal-applikazzjoni tal-artikolu tal-ligi leziv ghad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent, r-rikorrent gie mcahhad l-opportunita' li jusfruwixxi ruhu mill-opportunitajiet provduti taht il-Kap. 537 Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) partikolarment li flok prigunerija jinghata piena aktar favorevoli, dan ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkonvertitx ruhha f'Qorti tad-Droga rizultat tal-artikolu 8 tal-istess Att. In vista li mill-atti jirrizulta li r-rikorrent jidher li kellu u possibilment ghad ghandu l-problema tad-droga huwa car ghal din il-Qorti li l-ahjar rimedju ghalih huwa li l-Qorti Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga sabiex ir-rikorrent ikun jista' juzufruwixxi mill-Kap. 537, bhal ma fuq kollox jusfruwixxu minnu akkuzati ohra li originarjament ikunu gew akkuzati bl-istess reati li taghhom gie misjub hati r-rikorrent izda tkun giethom tajjeb ghaliex ma jkunux gew akkuzati b'reati ohra li minnhom gew liberati bhal ma gara fil-kaz odjern. U wkoll bhal ma jusufrwixxu minnu akkuzati li tigihom tajba fejn il-Qorti tkun ghazlet li tikkonverti ruhha wara li l-piena nflitta tkun accertata u mhux appellata, kaz li ma sehhx fil-kaz odjern.

Il-Qorti tqis li bhala rimedju, stante li dik il-parti tal-artikolu 8 tal-Att 537 li taqra:

'jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija',

qed tigi dikjarata bi ksur tal-jedd fundamentali ghal smigh xieraq u ghalhekk m'ghandux ikollha effett fil-ligi, l-Qorti qed tordna li l-Qorti Kriminali ghandha, wara li taccerta li l-kaz tar-rikorrent jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet taht is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 8, tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga sabiex ir-rikorrent ikun jista' juzufruwixxi minn dak li jipprovdi l-Kap. 537. F'kaz li dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tqis li taht il-ligi kif vigenti xorta wahda ma tistax tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga, nonostante l-ordni ta' din il-Qorti, tordna li l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent jibqghu sospizi *sine die* sakemm il-legislatur jemenda l-ligi b'tali mod li legalment jiprovdi access lir-rikorrent ghall-Qorti tad-Droga taht il-Kap. 537.

Din il-Qorti tqis li kif qed tipprovdi biss verament ir-rikorrent ikun qed jinghata rimedju xieraq ghall-lezjoni sofferta. Il-Qorti hija tal-fehma li ebda rimedju f'forma pekunjarja ma jista' tkun ta' rimedju effettiv ghar-rikorrent li in vista tal-vizzju tad-droga li hakmu ghandu bzonn l-ghajnuna li jiprovdi l-Kap. 537, nkluz li flok piena ta' prigunerija jinghata piena aktar favorevoli u mhux li f'hajtu jigi maghkus aktar milli hu rizultat tal-istess vizzju.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Avukat tal-Istat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex t-tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza

fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta f'dik il-parti fejn jaqra:

'jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija'

jilledi d-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent partikolarment il-jedd ghall-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent kif sancit fl-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Qorti bhala rimedju tordna li l-Qorti Kriminali fil-proceduri fil-konfront tar-rikorrent fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) kontra Reuben Micallef'** pendenti quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) ghandha, wara li taccerta li l-kaz tar-rikorrent jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet taht is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 8, tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga sabiex ir-rikorrent ikun jista' juzufruwixxi minn dak li jipprovdi l-Kap. 537 Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija). F'kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali tqis li taht il-ligi kif vigenti xorta wahda ma tistax tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga, nonostante l-ordni ta' din il-Qorti, il-Qorti tordna li l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent jibqghu sospizi *sine die* sakemm il-legislatur jemenda l-ligi b'tali mod li legalment jipprovdi access lir-rikorrent ghall-Qorti tad-Droga taht il-Kap. 537.

Stante li din il-Qorti sabet li l-ligi in kwistjoni hija bi ksur tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tordna li kopja ta' din id-decizjoni, la darba ssir *res*

*judicata,* tigi notifikata lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament u lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja.

Bl-ispejjez kontra l-Avukat tal-Istat intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2022**